**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A69/12

2 ta' Frar 2012

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/69**

Ser tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill nhar il-**Ħamis 9 ta' Frar 2012, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gżira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. *Update* ta' *Tenders - GLC002/2010 Mixed Household Waste –GLC003/2010 Public Private Partnership – GLC006/2011 – Tender for Upgrading of Kerbs & Pavements in Zone 1 The Strand & Town Centre Gżira*
6. Diskussjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Amministrativ
7. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*Budget 2012* Rivedut
8. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*4th Quarterly Report* – Ottubru – Diċembru 2011
9. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*Financial Statements 2011*
10. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' emendi fil-*Bye-Laws* – Reklamar fuq Għamara fit-Toroq
11. Diskussjoni Patt tas-Sindki
12. Affarijiet oħra
13. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

15 ta' Marzu 2012

Ref Nru.Klg5/069

Minuti tal-laqgħa Nru Klg5/69 li saret il-Ħamis 9 ta'Frar 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

**Preżenti**

Ħames membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Chris Bonett, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attendiet għall-parti mill-laqgħa l-*Accountant* Johanna Caruana

**Skużati**

Il-Viċi-Sindku Joe Camilleri minħabba li kien ma jiflaħx u l-Kunsillier Ian Micallef minħabba mpenn ta' xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-2 ta' Frar 2012.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Il-minuti tal-laqgħa Klg5/67 u Klg5/68 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti sopracitati ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

## 2. Materji Konnessi

**2.1 Paġna Nru:2 para 2.1 –** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li d-dokumenti kollha neċessarji, ċirkulati lill-membri tal-Kunsill, kienu ntbagħtu lill-Avukat Massimo Vella iżda sa dak in-nhar tal-laqgħa, l-Kunsill kien għadu ma rċieva ebda risposta.

**2.2 Paġna Nru:2 para 2.5 –** Ġiet ppreżentata kopja tar-riżultat tat-testijiet ta' l-asfalt ta' Triq Ponsonby mid-ditta *Terracore Ltd.* In vista tal-fatt li d-dokument hu wieħed tekniku, l-Kunsill iddeċieda unanimament li għall-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, rappreżentant tad-ditta sopracitata jattendi għal din il-laqgħa sabiex jagħti spjegazzjoni u jwieġeb għal xi kjarifiki.

B'eżitu tal-punti mressqa mill-Kunsillier Anthony Abela dwar il-livelli fi Triq Ponsonby k/ma' Toroq Carlo Manche u Cameron u r-rapport mibgħut mill-Perit, il-Kunsillier Anthony Abela qal, li hu xorta waħda kellu r-riżervi tiegħu u għaldaqstant ġie maqbul li għandu jsir *site meeting* mal-Perit Joe Bugeja personalment u l-Kunsillier, sabiex tiġi ndirizzata din il-problema.

**2.2.1** Rigward Triq Sir Patrick Stuart, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li skont ir-rapport mibgħut mill-Perit tal-Kunsill li kopja tiegħu ntbagħtet lill-Kunsillieri kollha, kien sar *site meeting* mill-Perit Matthew Bugeja u Alfred Vella fejn infurmaw li ġew ivverifikati l-livelli markati u kkonfermaw li l-ewwel parti tat-triq sa l-*Orpheum Theatre* ser tiġi kostruwita bl-istess mod li sar fi Triq Ponsonby jiġifieri li jitneħħa dar il-ħmar u jsir *scarifying* pero', il-Perit Tonna tad-ditta *Polidano Bros* irid javża lill-Perit Bugeja minħabba l-fatt li jkunu jridu jirrikonfermaw id-*depths* wara li jkun sar it-tqaxxir tal-wiċċ tat-triq. Hi kompliet tgħid, li l-Perit Tonna għandu jinforma lill-Perit tal-Kunsill qabel ma jsir xogħol addizzjonali mill-*Orpheum* sax-Xatt jiġifieri qabel ma jsir l-i*scarifying* għall-*Concrete Stabilization* sabiex *J.B.Associates* ikunu preżenti meta jittieħdu l-livelli.

Għall-mistoqsija taċ-*Chairman* dwar it-tul taż-żmien sabiex jitlesta x-xogħol kollu fuq Triq Sir Patrick Stuart, is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet, li skont l-informazzjoni sottomessa fis-sejħa għall-offerti, c-*cement stabilization* ser jitlesta sa' l-24 ta' Frar 2012, filwaqt li x-xogħol ta' l-asfalt hu ppjanat li jieħu madwar sitt ijiem iżda kien qed jiġi ppjanat li sa l-aħħar ta' Frar 2012, ix-xogħol kollu jkun lest.

**2.2.2** Dwar xogħlijiet tal-bankini, s-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif issa t-*Transport Malta* kienet qed tesiġi li kull kuntrattur irid ikollu l-permessi neċessarji, anke jekk ix-xogħol ikun relatat biss ma' manutenzjoni, liema proċeduri, jieħdu madwar għaxar tijiem biex jinħarġu l-permessi sabiex ikun

jista' jinbeda x-xogħol. Hi kompliet tgħid, li għalkemm skont *Transport Malta* kull kuntrattur jaf b'dawn ir-regolamenti għaliex kienu spjegati lilhom waqt *seminars* organiżżati mill-istess Awtorita', din talbitu li jikkomunika bil-miktuba, liema nformazzjoni ntbagħtet permezz ta' *e-mail* mis-Sur Tommy Debono – *Transport Malta*. *T.M.* infurmat li jekk ix-xogħol ma jkunx kopert bil-permessi skont l-avviż legali, l-awtorita' twaqqaf lill-kuntrattur minnufih, ikun ippenaliżżat permezz ta' multa u jiġi *blacklisted* u anke tikkonfiskalu l-makkinarju.

**2.3** Rigward it-*Tenders* skaduti, s-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont tal-korrispondenza li kienet qed issir bejn il-Kunsill u s-Sur Karl Vella – *Monitoring Officer* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali liema korrispondenza, kienet qed tkun ċċirkulata lill-membri tal-Kunsill.

**2.4** Rigward il-permess tal-*loading/unloading* quddiem Tanti Palmier *Confectionery* fi Triq Ponsonby, is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet tat rendikont tal-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva fil-perjodu ta' bejn il-laqgħat, liema nformazzjoni kienet qed tkun ċċikulata lill-membri tal-Kunsill.

Il-Kunsill qal li ġa la darba dawn kienu istruzzjonijiet ta' *Transport Malta,* dawn għandhom jiġu mplimentati.

**2.5** Minħabba li kien wasal is-Sur Martin Stivala, rappreżentant ta' *C. Stivala & Sons LTD* dwar l-applikazzjoni għall-installazzjoni ta' *Tower Crane* fi Triq Sir Patrick Stuart, quddiem id-Dhalia għall-perjodu ta' sitt xhur, iċ-*Chairman* talab biex tiġi sospiża l-laqgħa u diskussa din il-materja.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

Inqara r-rapport tal-Perit fejn kien qed jiġi rakkomandat li:

- t-*tower crane* jrid jiġi nstallat kif kien propost fil-pjanta, minħabba li fis-sit ma setgħax jitpoġġa għaliex l-*area* hi żgħira.
- waqt dan il-perjodu, ż-żewġ *loading bays* u l-*parking bay* adġijaġenti tal-faċċata ta' fejn kien propost li jintrama' t-*tower* crane ma jridux ikunu ostakolati.
- minkejja li l-linji ta' gwida ta' *Transport Malta* jirrakkomandaw distanza minima ta' 4.80 mtrs għal *two way traffic route*, fuq il-pjanta hemm 5.55 mtrs
- l-*crane* irid ikun muntat fuq *platform* tal-*concrete* sabiex tiġi evitata ħsara fil-wiċċ tat-triq.
- in vista tal-fatt li hemm il-possibilita' ta' *spillage* u ħsara fil-wiċċ tat-triq u l-bankini, l-*MEPA* biex tissalvagwarda dan kollu, imponiet garanzija bankarja ta' €1,840.31.

Ic-*Chairman* stieden lis-Sur Stivala sabiex iressaq il-kummenti tiegħu.

Is-Sur Stivala qal, li kif spjegat is-Segretarju Eżekuttiv ix-xogħol sopracitat kien stmat li jieħu madwar sitt xhur u in vista tal-fatt li fil-ġranet li ġejjien kien ser jingħata l-wiċċ tat-triq bit-tarmak, kien qed jissuġġerixxi li issir bażi komposta minn ħadid u konkos li fuqha jingħata t-tarmak. B'hekk, il-blokka tal-konkos li fuqha jiġi nstallat t-*tower crane* tkun qed tintrefa' mill-pedament mħejji u jitpoġġa *plastik* wara li jitlesta t-tarmak, iżda qabel ma tintrama' l-blokka, sabiex b'hekk kull ħsara tiġi evitata.

F'dan l-istadju daħal għall-laqgħa rappreżentant ieħor ta' din id-ditta, is-Sur Ivan Stivala.

Iċ-*Chairman* qal, li hu ma jsib ebda oġġezzjoni għal dak propost u għalkemm kien tal-fehma, li dawn il-proposti għandhom ikunu applikati madanakollu, qabel ma tingħata l-approvazzjoni tal-Kunsill għandu l-ewwel jittieħed il-parir tekniku tal-Perit tal-Kunsill u dan anke in vista tal-fatt li fi żmien xahar ser jiġi elett Kunsill ġdid.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qal iċ-*Chairman*.

Ġa la darba kien hemm preżenti is-Sinjuri Stivala, s-Segretarju Eżekuttiv talbet li tressaq *e-mail* mibgħuta mill-istess ditta iżda titratta materja differenti u cioe' talba sabiex il-Kunsill jagħti permess li t-tapit ta' tarmak li jrid jsir fi Triq Reid, (fejn saru żewġ installazzjonijiet ta' *drainage house connections*) ma jsirx immedjatmanet kif mitlub fil-permess iżda jsir fi żmien sittin ġurnata.

Il-Kunsill laqa' t-talba tas-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat *e-mail* datata 8 ta' Frar 2012, mis-Sur Michael Stivala.

Matul id-diskussjoni li saret u anke b'eżitu ta' l-interventi mis-Sinjuri Stivala, l-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qal ic-*Chairman* u cioe' li din it-talba ma tistax tintlaqa' u għalhekk ix-xogħol għandu jsir mill-aktar fis possibbli kif ukoll, li l-Kunsill għandu jagħmel kuntatt mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma dwar *tapping works*.

## 3. Korrispondenza

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sad-9 ta' Frar 2012 kif ukoll, ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2** Inqrat il-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom.

**3.3** Rigward *advertising bollards* mid-ditta *Frank Salt (Real Estate) Ltd* Il-Kunsill qabel unanimament li għalissa ma jinħarġux aktar permessi

sakemm dawk kollha li huma approvati jiġu nstallati u jsir *visual impact assessment* tagħhom.

**3.4** Dwar il-problema li żviluppat fil-wiċċ ta' Triq D'Argens quddiem *Muscat Motors*, il-Perit tal-Kunsill ġie mitlub iħejji rapport tekniku, fl-liema rapport, kienet tittieħed inkonsiderazzjoni ukoll l-proposta ta' *Muscat Motors* li tinbena bokka ta' culvert quddiem ix-*showroom* tagħhom sabiex tgħaqqad mal-medda eżistenti kif sar tul l-istess triq u b'hekk tiġi ndirizżata l-problema t'akkumulu ta' l-ilma tax-xita.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* issekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li dan ir-rapport jintbagħat għall-attenzjoni tal-Kap Eżekuttiv ta' *Transport Malta* Dott Stanley Portelli minħabba l-fatt li sabiex jiġu ndirizzati dawn il-problemi kien jinħtieġ *road reconstruction* u *building of storm water culvert*, liema xogħolijiet, skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali huma responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali.

**3.5** Ġew ppreżentati tlett talbiet minn nies li soffrew danni fil-vetturi tagħhom minħabba ħsarat fi Triq D'Argens kawzati bil-maltemp.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li l-korrispondenza kollha għandhom jintbagħtu lill-Avukat tal-Kunsill Dott Edward Woods għall-parir legali tiegħu.

**3.6** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri għax-xiri ta' kotba għall-Librerija Pubblika mid-ditta *Horizon Publications.*

**3.7** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni li fit-8 ta' Marzu 2012, bejn is-6.00 a.m. u s-2.30 p.m. ikun hemm il-*Blood Mobile Unit* fi Triq D'Argens ħdejn *Mizzi Motors* sakemm ikollhom il-permessi kollha neċessarji partikularment mill-Pulizija u t-*Transport Malta*.

**3.8** Rigward *e-mail* mibgħuta mid-ditta *Director Malta Now Ltd* dwar installazzjoni ta' *newspaper stands* fil-lokalita', l-Kunsill qabel li għandna nikkuntattjaw lil din id-ditta sabiex tinfurmana fejn kienet qed tipproponi li jitwaħħlu dawn l-i*stands*.

**3.9** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat rapport mibgħut mill-Perit tal-Kunsill dwar ħsarat fil-wiċċ tat-Triq Maria Teresa Spinelli l-parti minn Triq Edgar Bernard sa Triq Dott. Ġuże' Miċeli, f'liema rapport kien qed jiġi rakkomandat li l-problemi elenkati jissolvew biss jekk jsir *a full resurfacing exercise* li jinkludi:

- l-wiċċ irid jiġi *scarified* sa 100mm fond u *compacted*

- jrid jiġi *sealed* b'saff ta' *Tuck Coat*

- jrid jerġa' jiġi *resurfaced* b'saff ta' *50mm Base* u *50mm Wearing Course* skont *EN/DN standards*

- l-estimi tan-nefqa hi ta' €21,462

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li ġa la darba ma kienx hemm biżżejjed żmien biex il-leġislatura preżenti tindirizza din il-problema, dan ir-rapport għandu jitressaq għall-kunsiderazzjoni tal-leġislatura suċċessiva.

**3.10** Is-Segretarju Eżekuttiv tagħat rendikont ta' l-inċident li kien seħħ fi Triq Nazju Ellul, fejn minkejja l-fatt li dan il-Kunsill Lokali kien għamel kuntatt mal-*Waste Water Unit,* għaliex b'konsegwenza tal-maltemp li sar kienet sfrundat tappiera ta' *manhole*, din l-entita' l-ewwel infurmat li ma kinitx resposnabbli għaliha u wara li seħħ inċident fejn weqgħet karrozza u ġarbet xi ħsarat qalet, li din kienet tappiera tad-drenaġġ. B'eżitu tad-diskussjoni li saret, il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandha tinkiteb ittra lill-Ministru responsabbli, ffirmata mis-Sindku.

**3.11** Inqrat ittra minn is-Sur Nazzereno Zammit għan-nom tad-ditta *RGC Co LTD* għal talba ta' *un/loading bay* fi Triq il-Ġnien.

Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* issekondata mill-Kunsillier Anthony Grech li ġa la darba l-approvazzjoni għall-applikazzjonijiet simili hi fil-kompetenza ta' *Transport Malta*, l-Kunsill Lokali għandu jinforma lis-Sur Zammit sabiex it-talba tiegħu tintbagħat direttament lil din l-awtorita'.

**3.12** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**4. Approvazzjoni ta' skeda ta' Ħlasijiet**

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg5/67 minn Nru:2683 sa Nru:2736 (ara *appendix* Nru:1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*

**4.2** Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet sopracitati ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri

**5. *Update ta' Tenders GLC002/2010 Mixed Household Waste – GLC003/2010 Public Private Partnership – GLC006/2011 – Upgrading of Kerbs & Pavements in Zone 1 The Strand & Town Centre Gżira***

**5.1 *GLC002/2010 – Mixed Household Waste***

Il-Kunsill ġie nfurmat li ma kien hemm ebda żvilupp mill-aħħar laqgħa dwar is-suġġett sopracitat.

**5.2 *GLC003/2010 – Public Private Partnership***

Din il-materja ġiet diskussa aktar 'l fuq.

**5.3 *GLC006/2011 – Upgrading of Kerbs & Pavements in Zone 1 The Strand & Town Centre Gżira***

Rigward is-suġġett sopracitat, il-Kunsill ġie nfurmat li l-permessi mit-*Transport Malta* kienu għadhom ma ħarġux minħabba li l-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma kienet qed toġġezzjona.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa mic-*Chairman* issekondata mill-Kunsillier Victor Rutter li għandu jsir kuntatt mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma sabiex tiġi ndirizzat din is-sitwazzjoni.

**6. Diskussjoni u Approvazzjoni – Rapport Amministrattiv**

**6.1** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela mar-Rapport Amministrattiv liema rapport kien intbagħat lil-Kunsillieri kollha.

**6.2** L-*Accountant* tal-Kunsill Johanna Caruana ġiet fis-6.30 p.m.

**7. Diskussjoni u Approvazzjoni – *Budget 2012***

**7.1** L-*Accountant* reġgħet tagħat spjegazzjoni tar-*revised budget (less income deducted from allocation)* u wara stiednet lill-membri tal-Kunsill iressqu l-kummenti u l-mistoqsijiet tagħhom.

Wara diskussjoni qasira, fejn saru xi kjarifikazzjonijiet, il-Kunsill approva unanimanent ir-*revised annual cash budget* b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Malcom Camilleri.

**8. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*4 Quarterly Report* – Ottubru – Diċembru 2011**

**8.1** Wara li saru xi kjarifiki dwar is-suġġett sopracitat, il-Kunsill approva unanimament il-*4 Quarterly Report* b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela

**9. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*Financial Statements 2011***

**9.1** In segwitu ta' l-ispjegazzjoni mogħtija mill-*accountant* fejn anke ġie spjegat fid-dettal li d-*deficit* kien *on accrued basis* għaliex kien jinkludu d-*depreciation*, *a virtual expense*, filwaqt li *on cash basis* il-Kunsill għalaq b'*surplus*. Hi kompliet tgħid, li dawn il-*financial statements* mhumiex finali iżda huma suġġett għall-*audit adjustments*.

**9.2** Wara li ġew spjegati l-kjarifikazzjonijiet mressqa, l-Kunsill qabel unanimament mal-*financial statements* kif preparati minn *JCA LTD* b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter.

**10. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' emendi fil-*Bye-Laws* – Reklamar fuq Għamara fit-Toroq**

**10.1** Il-Kunsill qabel unanimament li ġala darba ma kienx hemm biżżejjed żmien biex il-leġislatura preżenti tressaq il-proposti tagħha, għandha titressaq għall-kunsiderazzjoni tal-leġislatura suċċessiva.

**11. Diskussjoni Patt tas-Sindki**

**11.1** Iċ-*Chairman* informa li fl-ewwel mument opportun għandu jiġi ffirmat dan il-Patt u cioe' *statement of commitment* li dan il-Kunsill inaqqas l-emmissjoni b'20%.

**12. Affarijiet Oħra**

**12.1** Il-Kunsillier Malcolm Camilleri talab sabiex f'wieħed mill-programmi tal-marki taż-żebgħa għandha tiġi inkluża *Taliana Lane*.

**13. Laqgħa Oħra**

**13.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m. u ġiet aġġornata għal-Ħamis 15 ta' Marzu 2012, fil-5.00 p.m. u ser issir laqgħa konklużiva il-Ħamis 22 ta' Marzu 2012.

| | |
|---|---|
| Dott Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M.Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: K **Klg5/69**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg5/68 09.02.2012** **Data:** **14.01.2012 sa 09.02.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Central Flower Shop | €25.00 | €25.00 | D | Funeral Bouquet - Emanuel Zammit | 14.01.2012 | 11934 | 2683 | | | 7511 |
| 2 | Mr. Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | Door to Door Collection - February 2012 | Feb.2012 | 15 | 2684 | | | 7585 |
| 3 | Mr. Emanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | Skip Hire - February 2012 | Feb.2012 | 16 | 2685 | | | 7586 |
| 4 | Mr. Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | Service of Public Convenience - Feb. 2012 | Feb.2012 | 17 | 2686 | | | 7587 |
| 5 | Mr. Emanuel Mifsud | €990.80 | €990.80 | T | Bulky Service - January 2012 | Feb.2012 | 18 | 2687 | | | 7590 |
| 6 | Mr. Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | Duck Food - February 2012 | Feb.2012 | 34 | 2688 | | | 7588 |
| 7 | Ms Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | K | Craft Lessons - February 2012 | Feb.2012 | 28 | 2689 | | | 7589 |
| 8 | Bristow Potteries Ltd | €116.47 | €116.47 | D | 2 street plaques - Em Giordano/Gerry Zammit | 12.01.2012 | 395 | 2690 | | | 7611 |
| 9 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €3,284.00 | D | Allocated MSW Waste - December 2011 | 13.01.2012 | 016417 | 2691 | | | 7556 |
| 10 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €98.58 | €98.58 | T | Road Marksing as per Job No: 11303 | 07.12.2011 | 15800 | 2692 | | | 7557 |
| 11 | Zammit Trading Ltd | €52.68 | €52.68 | D | Attivita' 25.12.2011 | 23.12.2011 | A0079213 | 2693 | | | 7501 |
| 12 | Pavi Supermarket | €144.01 | €144.01 | D | Attivita' 25.12.2011 | 23.12.2011 | 66613 | 2694 | | | 7503 |
| 13 | Tal-Lira | €4.00 | €4.00 | D | Attivita' 25.12.2011 | 23.12.2011 | | 2695 | | | 7502 |
| 14 | Venture Trading | €66.37 | €66.37 | D | A4 Copy Paper | 17.01.2012 | 018176 | 2696 | | | 7558 |
| 15 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | Street Sweeping-g/cutting - December 2011 | 10.01.2012 | 11-2319 | 2697 | | | 7559 |
| 16 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | Cleaning service on Sundays - December 2011 | 10.01.2012 | 11-2320 | 2698 | | | 7560 |
| 17 | GO plc | €65.64 | €65.64 | D | Tel No: 21322157 - calls Dec 11 Rent Jan. 12 | 10.01.2012 | 27293292 | 2699 | | | 7515 |
| 18 | GO plc | €67.93 | €67.93 | D | Tel No: 334254/341034 - calls Dec 11 Rent Jan. 12 | 10.01.2012 | 27292762 | 2700 | | | 7517 |
| 19 | GO plc | €19.43 | €19.43 | D | Tel No: 21341616 - Calls Dec 11 Rent Jan. 12 | 10.01.2012 | 27292770 | 2701 | | | 7518 |
| 20 | Dept of Information | €9.32 | €9.32 | D | Advert Tender GLCT003/2011 - Variations | 20.01.2012 | | 2702 | | | 7516 |
| | **Sub Total c/f** | **€17,973.01** | **€17,192.62** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€17,973.01** | **€17,192.62** | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 14.01.2012 sa 09.02.2012

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €80.75 | €80.75 | T | | Traffic Signs - Job No: 9126 | 06.01.2012 | 15845 | 2703 | | | 7561 |
| 22 | Melita plc | €380.17 | €380.17 | T | | Hello Service Tel No: 27013021 08.01 - 07.02.2012 | 08.01.2012 | 31645718 | 2704 | | | 7520 |
| 23 | Segretarju Permanenti OPM | €37.50 | €37.50 | D | | Advert GLCT003/2012 - Variations | 23.01.2012 | | 2705 | | | 7524 |
| 24 | The Toolbox | €9.55 | €9.55 | D | | Maint tat-tabelli - No Parking | 19.01.2012 | 10805 | 2706 | | | 7562 |
| 25 | The Toolbox | €2.34 | €2.34 | D | | Maint Garden Shed | 25.01.2012 | 10824 | 2706 | | | 7562 |
| 26 | J.&K. Contractors Ltd | €4,413.76 | €4,413.76 | T | | Pavement in Bouverie - 57-11 refers | 20.01.2012 | 1233-12 | 2707 | | | 7563 |
| 27 | J.&K. Contractors Ltd | €1,237.92 | €1,237.92 | T | | Pavement in Bouverie - 57-11 refers | 20.01.2012 | 1234-12 | 2708 | | | 7564 |
| 28 | J.&K. Contractors Ltd | €206.48 | €206.48 | T | | Gżira Housing Estate | 20.01.2012 | 1235-12 | 2709 | | | 7565 |
| 29 | J.&K. Contractors Ltd | €346.75 | €346.75 | T | | Temporary patching Works | 20.01.2012 | 1236-12 | 2710 | | | 7566 |
| 30 | J.&K. Contractors Ltd | €332.50 | €332.50 | T | | Patching hot asphalt Maria Teresa Spinelli | 26.01.2012 | 1237-12 | 2711 | | | 7567 |
| 31 | J.&K. Contractors Ltd | €585.29 | €585.28 | T | | Pavement in Triq San Albert | 20,01.2012 | 1238-12 | 2712 | | | 7568 |
| 32 | S.Rausi Trading | €22.50 | €22.50 | D | | Drinking Water | 27.01.2012 | 11151858 | 2713 | | | 7569 |
| 33 | ECAD | €200.00 | €200.00 | D | | Membership Fee for 2012 | 24.01.2012 | 4886 | 2714 | Transfer No: | HSBC | 183528 |
| 34 | ARMS Ltd | €22.13 | €22.13 | D | | W&E Activities Centre 23.08.11 - 11.10.11 | 18.01.2012 | 14488599 | 2715 | | | 7570 |
| 35 | Allied Newspapers | €86.14 | €86.14 | D | | Advert GLCT003/2012 - Variations | 20.01.2012 | AS1486401 | 2716 | | | 7571 |
| 36 | KC Trading Ltd | €32.98 | €32.98 | D | | Supply of hand paper towels | 01.02.2012 | 993773 | 2717 | | | 7572 |
| 37 | Env. L/Scapes Cons. Ltd | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Maint of Soft Areas - January 2012 | 31.01.2012 | 8268 | 2718 | | | 7573 |
| 38 | Perit Chris Grech | €552.00 | €552.00 | D | | Evaluation of Property - Savoy Gardens | 11.01.2012 | | 2719 | | | 7574 |
| 39 | Michael Genovese | €216.00 | €216.00 | K | | Binding of Agenda/Minuti | 09.02.2012 | 167 | 2720 | | | 7612 |
| 40 | Parish Office | €572.00 | €572.00 | D | | Attivita' Lejla Gżirjana 25.06.2011 | 03.02.2012 | | 2721 | | | 7575 |
| | **Sub Total c/f** | **€11,549.68** | **€11,549.67** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€17,973.01** | **€17,192.62** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€29,522.69** | **€28,742.29** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 14.01.2012 - 09.02.2012

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Standard Publications Ltd | €46.26 | €46.26 | D | | Advert Locality Call -09.02.2012 | 06.02.2012 | 009274M | 2722 | | | 7608 |
| 42 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | | Advert Locality Call -09.02.2012 | 06.02.2012 | | 2723 | | | 7554 |
| 43 | Allied Newspapers | €60.30 | €60.30 | D | | Advert Locality Call -09.02.2012 | 06.02.2012 | | 2724 | | | 7593 |
| 44 | Union Print Ltd | €68.91 | €68.91 | D | | Advert Tender GLCT003/2012 PPP Variations | 31.01.2012 | A1006646 | 2725 | | | 7576 |
| 45 | Mount Carmel Band Club | €857.00 | €857.00 | D | | Attivita' Lejla Gżira 25.06.11 | 30.06.2011 | | 2726 | | | 7577 |
| 46 | Enemalta | €233.00 | €233.00 | D | | Demarcation charges Annual fee 2012 | 14.12.2011 | 1800001808 | 2727 | | | 7578 |
| 47 | Public Broadcasting Services | €15.34 | €15.34 | D | | Advert Locality Call -09.02.2012 | 06.02.2012 | 503068 | 2728 | | | 7675 |
| 48 | Squire Bookshop | €52.00 | €52.00 | D | | Newspapers - January 2012 | 03.02.2012 | KUN001 | 2729 | | | 7579 |
| 49 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €50.20 | €50.20 | T | | R/markings Traffic Police Duty as per inv 30588 | 23.11.2011 | 15908 | 2730 | | | 7580 |
| 50 | Sundew Enterprises Ltd | €75.60 | €75.60 | D | | Elec common parts April 2011 - December 2011 | 01.02.2012 | | 2731 | | | 7581 |
| 51 | Sundew Enterprises Ltd | €259.60 | €259.60 | D | | 20% of expenses common parts inc. Lift for year 2012 | 01.02.2012 | LC012 | 2732 | | | 7582 |
| 52 | Sundew Enterprises Ltd | €2,994.45 | €2,994.45 | D | | W & E from 07.04.11 - 16.01.2012 | 01.02.2012 | o17 | 2733 | | | 7583 |
| 53 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Cleaning Services on Sundays - January 2012 | 03.02.2012 | 12_2362 | 2734 | | | 7592 |
| 54 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | Cleaning Services for the month of January 2012 | 03.02.2012 | 12_2363 | 2735 | | | 7591 |
| 55 | The Toolbox | €18.89 | €18.89 | D | | Maint - Public Library | 26.01.2012 | 10829 | 2736 | | | 7584 |
| 56 | The Toolbox | €19.45 | €19.45 | D | | Maint - Benches | 02.02.2012 | 10845 | 2736 | | | 7584 |
| 57 | Honoraria | €521.19 | €521.19 | | | Honoraria | | | | | | 912 |
| 58 | Wages + ES PB [only] | €6,615.26 | €6,615.26 | | | Wages + ES PB [only] | | | | | | 913, 914, 915, 916, 917, 918 |
| 59 | C.I.R. | €2,675.99 | €2,675.99 | | | C.I.R. | | | | | | 919 |
| 60 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€19,540.13** | **€19,540.13** |
| **Sub Total b/f** | **€29,522.69** | **€28,742.29** |
| **Total** | **€49,062.82** | **€48,282.42** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier